MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 312/2000/1

**Adriana sive Diane Vella**

**Vs**

**Stephen Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta’ Frar 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar, Marco Burlo`, datat 23 ta’ April 1998, l-attrici u l-konvenut qablu fuq separazzjoni personali bonarja u dan b’numru ta’ kundizzjonijiet hekk kif stipulati fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni (Dok. “A”); u

Illi l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati li jidhru fuq l-att imsemmi in forza ta’ digriet numru 486/98 moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ April 1998 (Dok. “B”); u

Illi fi klawsola tnejn sub-inciz sitta (2) (vi) ta’ l-imsemmi att, il-konvenut kien intrabat li jhallas manteniment lill-attrici u l-minuri uliedu fl-ammont ta’ erbghin lira Maltija (Lm 40) fil-gimgha, liema manteniment kellu jigi rivedut fl-1 ta’ Marzu 1999, u hekk kull sena sussegwenti, u l-konvenut mhux qed ihallas, u ilu ma jhallas tali manteniment minn April 1999 kif miftiehem, minghajr ebda raguni valida fil-ligi; u

Illi fi klawsola tnejn sub-inciz disgha (2) (ix) ta’ l-imsemmi att, il-partijiet qablu li l-ispejjez ta’ natura straordinarja, relattivi ghall-edukazzjoni tat-tfal minuri, ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut, u ghalkemm interpellat sabiex jikkontribwixxi ghal dawn l-ispejjez, il-konvenut baqa` inadempjenti; u

Illi fi klawsola hdax sub-inciz disgha (11) (ix) ta’ l-imsemmi att, il-partijiet qablu li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tinqasam f’zewg porzjonijiet, *ossia, portion A* u *portion B,* u li l-porzjoni A ghandha tigi trasferita lill-konvenut u porzjoni B, lill-attrici; u

Illi l-vettura Suzuki Vitara Numru ta’ Registrazzjoni DAT 025, skond l-imsemmi att, ghandha tkun formanti parti mill-porzjoni trasferita lill-attrici, u in effetti, l-attrici qeghda thallas id-dejn rimanenti fuq l-imsemmi vettura, u *nonostante* li l-konvenut gie nterpellat sabiex jersaq ghat-*transfer* ta’ l-imsemmija vettura, baqa` inadempjenti;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijet fuq premessi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut mhux qed jonora u jimxi hekk kif obbliga ruhu li jaghmel skond il-kuntratt ta’ separazzjoni li sar ma’ l-attrici in atti tan-Nutar, Marco Burlo` datat 23 ta’ April 1998, fejn il-konvenut obbliga ruhu li jhallas manteniment ta’ erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha lill-attrici u tfal ulied minuri, liema manteniment

kellu jigi rivedut fl-1 ta’ Marzu 1999, u hekk kull sena sussegwenti, u dan kif huwa stipulat fi klawsoli tnejn sub-inciz sitta (2) (vi) ta’ l-istess att;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghat-tfal minuri, Dylan u Erica Dacoda, l-arretrati dovuti bhala manteniment minn April 1999, *stante* li ghalkemm gie effetwat pagament fit-12 ta’ Lulju 1999, rapprezentanti manteniment ghall-perjodu ta’ erbatax-il gimgha, b’rata ta’ hmistax il-lira Maltin (Lm 15) fil-gimgha, tali pagament ma hux komplet, u cjoe` mhux bir-rata ta’ erbghin lira Maltin (Lm 40) fil-gimgha kif miftiehem, u *Inoltre* ma sar l-ebda pagament minn dak iz-zmien ‘il quddiem;

3. Tiffissa dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-attrici u ghat-tfal minuri, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta’ l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk jidher xieraq mill-istess Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkontribwixxi ghall-liema spejjez relattivi ghall-edukazzjoni ta’ l-imsemmija tfal minuri, liema spejjez diga` ammontaw ghal izjed minn tlett mitt lira Maltin (Lm 300) mid-data tal-kuntratt, kif ser jirrizulta mill-mori tal-kawza, u dan kif huwa stipulat fi klawsola tnejn sub-inciz disgha (2) (ix) ta’ l-imsemmi att;

5. Tordna li l-konvenut jersaq ghat-trasferiment tal-vettura Suzuki Vitara bin-Numru tar-Registrazzjoni DAT 025 *stante* li l-imsemmija vettura hija formanti parti mill-porzjon B, liema porzjon gie trasferit lill-attrici kif jirrizulta mill-klawsola hdax sub-inciz disgha (11) (ix) ta’ l-imsemmi att.

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm 10,000) bl-interessi legali mid-data tal-kuntratt tat-23 ta’ April 1998 u kull somma ohra li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala danni sofferti mill-attrici kawza ta’ l-inadempjenza tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ittri interpellatorji datati 14 ta' Lulju 1999 u 30 ta' Dicembru 1999, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 21;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-31 ta' Ottubru 2000; ta' l-14 ta' Frar 2001; u tat-13 ta' Marzu 2001;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 8 ta' Frar 2001 fejn talab lill-Qorti sabiex tiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Gunju 2001 u tas-16 ta' Novembru 2001;

Rat in-nota tal-konvenut datata 4 ta' Dicembru 2001 fejn permezz taghha pprezenta sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-17 ta' Marzu 1997;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2001;

Rat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet tas-16 ta' Novembru 2001;

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' April 2002; tat-30 ta' April 2002 fejn inghatat decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja;

Rat id-decizjoni moghtija dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja fejn il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lill-konvenut sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 10 ta' Mejju 2002 a fol. 71 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba hija purament dikjaratorja u ghal kollox vessatorja *stante* l-obbligu ta’ l-esponent ghall-hlas tal-manteniment jirrizulta minn att pubbliku illi jirregolah minghajr, allura, il-htiega ta’ l-ottjement ta’ dikjarazzjoni tal-Qorti f’dan is-sens;

2. Illi t-tieni talba hija wkoll vessatorja ghax l-obbligu tal-hlas ta’ manteniment huwa kostitwit f’att pubbliku ta’ separazzjoni illi jista` jigi rez ezekuttiv bl-espedjent facli ta’ ittra gudizzjarja b’mod illi l-ispejjez gudizzjarji ta’ tali talba huma, skond id-duttrina w gurisprudenza, a karigu ta’ l-istess attrici;

3. Illi t-tielet talba hija insostenibbli kemm ghax dak gja miftiehem permezz ta’ kuntratt ma jistax jigi mibdul permezz ta’ att gudizzjarju kif ukoll billi r-retta alimentarja giet gja iffissata fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni u ma tinhtiegx illi tigi likwidata mill-gdid mill-Qorti hlief, f’kaz illi l-mezzi ta’ l-esponent jigu sostanzjalment ridotti, kif appuntu huwa l-kaz, *sub judice,* f’kawza fl-ismijiet inversi citazzjoni numru 1277/99 RCP;

4. Illi r-raba` talba hija opposta *in vista* tal-kambjament serju tac-cirkostanzi ta’ l-esponent evidenzjat mill-provi gja migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi gja fuq imsemmija;

5. Illi l-hames talba hija opposta billi, kif ben taf l-attrici, il-konvenut, li kien, fil-kuntratt ta’ separazzjoni, ghadda il-karozza bid-dejn kollu taghha lill-attrici li accettattha, qatt ma oggezzjoni li tali trasferiment isir, izda dan ma setax isehha minhabba f’interessi ta’ terzi li kellu jithallas mill-attrici qabel ma jsehh it-trasferiment, liema terzi baqa` ma thallasx, bhala rizultat ta’ liema fatt, dan it-terz oggezzjona illi jaghmel it-*transfer* u sahansitra intavola diversi kawzi b’success kontra l-partijiet ghall-hlas tal-kambjalijiet relatati ma’ l-istess karozza u debitament dovuti;

6. Illi s-sitt talba hija opposta ghall-motivi sollevati fir-rigward ta’ l-ewwel talba – billi tali dejn irrizulta mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni, kif ukoll ghaliex id-dekorrenza ta’ l-imghax giet specifikament eskluza fl-imsemmi att pubbliku u ghaliex jirrizulta mill-istess att illi l-ammont pretiz kien pagabbli mit-23 ta’ April 2001 ‘l quddiem,

b'mod illi t-talba kif dedotta kienet intempestiva meta tressqet u issa hija l-mertu kemm ta' proceduri b'subbasta intavolati mill-attrici stess kif ukoll ta' tpacija b'certi flejjes inkorsi mill-konvenut bhala rizultat tal-fatt li hija naqset milli thallas lit-terzi indikati fl-eccezzjonijiet precedenti;

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol. 73 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 74 tal-process;

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenut a fol. 75 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi ruhu mic-citazzjoni pprezentata kontra tieghu mill-attrici u debitament notifikata lilu, sabiex jipprezenta l-odjerna kontro-talba;

Illi l-attrici, abbazi ta' l-artikolu 11 (vii) (b) giet mghoddija il-vettura ta' l-ghamla Suzuki Vitara, Numru tar-Registrazzjoni DAT 025;

Illi l-attrici naqqset milli thallas l-ahhar ghoxrin minn sittin kambjala ta' hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (LM 95.50) kull wiehed lil Joseph Falzon, minghand min kienet inxtrat il-vettura;

Illi permezz ta' Avviz Nru 902/00 SM deciza fit-12 ta' April 2001, il-partijiet *in solidum* gew ordnati li jhallsu s-somma ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm 286.50) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti, ghall-liema kawza l-konvenut ghamel l-eccezzjonijiet tieghu bl-ispejjez relattivi;

Illi permezz ta' Avviz Nru 399/00 DM deciza fit-12 ta' April 2002, il-partijiet, *in solidum,* gew ordnati jhallsu s-somma ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm 955) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti, ghall-liema kawza l-konvenut ghamel l-eccezzjonijiet tieghu bl-ispejjez relattivi;

Illi sad-data ta’ llum, ghad hemm sitt kambjali ohra illi ghadhom ma thallsux u ghadhom dovuti lil Joseph Falzon;

Illi bhala rizultat ta’ l-inadempjenza ta’ l-attrici milli thallas il-kambjalijiet li kellha thallas, il-konvenut gie ordnat li jhallas tali somom u inkorra spejjez gudizzjarji;

Illi *ai termini* tal-kuntratt ta’ separazzjoni, il-konvenut kellu jhallas is-somma ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm 10,000) f’data stabbilita, liema hlas, izda, ghadu ma sehhx sad-data ta’ llum *stante* illi l-attrici qatt ma riedet tnaqqas minn tali somma, l-flejjes dovuti lil Joseph Falzon u l-ispejjez gudizzjarji li l-konvenut inkorra rizultat unikament ta’ l-inadempjenza ta’ l-attrici.

Illi ghalhekk, l-istess konvenut talab lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi kwalsiasi somma dovuta lil Joseph Falzon kemm *ai termini* tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Avvizi Nru 902/00 SM u 399/00 DM kif ukoll rizultat tal-kambjalitajiet li ghandhom dovuti relatati mal-vettura Suzuki Vitara numru tar-registrazzjoni DAT 025, ghandhom jigu supportati dovuti unikament mill-attrici;

2. Tiddikjara illi l-ispejjez gudizzjarji li l-konvenut inkorra fil-kawzi 902/00 SM u 399/00 DM ghandhom jithallsu lill-konvenut mill-attrici;

3. Tillikwida l-hlasijiet dovuti abbazi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Avvizi Nru 902/00 SM u 399/00 DM kif ukoll il-hlasijiet dovuti abbazi ta’ kambjalitajiet li ghadhom ma thallsux u tordna illi dawn jitnaqqsu mis-somma dovuta lill-attrici mill-konvenut, abbazi ta’ l-artikolu 11 (xi) tal-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat fit-23 ta’ April 1998;

4. Tillikwida l-ispejjez gudizzjarji inkorsi inutilment mill-konvenut u tordna illi dawn jitnaqqsu mis-somma dovuta lill-attrici mill-konvenut abbazi ta’ l-artikolu 11 (xi) tal-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat fit-23 ta’ April 1998;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandati relattivi, kontra l-attrici illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tieghu a fol. 77 u 78 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet ta' l-affidavits ta' l-attrici b'terminu ta' sittin (60) jum;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenuta a fol.82 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut rikonvenzjonali, *stante* illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan *in vista* tal-fatt illi kontrarjament ghal dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonali, ghalkemm fil-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti accetta illi tali vettura tigi assenjata lill-esponenti, hu naqas milli jersaq ghat-trasferiment tal-vettura f'isem l-esponenti;

2. Illi konsegwentement ghandhom jigu michuda l-ewwel tlett (3) talbiet;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-succepit, ghandu jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti, illi l-hlas li allegatament sar mill-konvenut rikonvenzjonali lil terzi persuni fir-rigward ta' l-istess vettura, jekk effettivament sarx;

4. Illi fir-rigward tar-raba` talba, li permezz taghha l-konvenut rikonvenzjonali jidher illi qed jitlob li ssir tpacija ma' l-ammont dovut lill-esponenti, tali talba hija opposta *stante* illi dan l-ammont huwa dovut mill-konvenut rikonvenzjonali indipendentement mill-ammonti allegatament dovuti lil terzi u li thallsu mill-istess konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda taghha a fol.83 u 84 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha (a fol. 90);

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2002 fejn Dr Graziella Bezzina ddikjarat li hemm kawza ohra fl-ismijiet inversi li tinsab differita ghat-28 ta' Novembru 2002 ghas-sentenza. Dr Bezzina cediet is-sitt talba *stante* pagament fil-mori b'dan li esebiet nota b'dokument u ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar, pero' obbligat ruhha li fi zmien ghaxart (10) ijiem tesebixxi l-ircevuti relattivi. Dr Stephen Thake talab li l-provi li nstemghu fil-kawza fl-ismijiet inversi ghandhom jghoddu wkoll ghal din il-kawza. Dr Bezzina rrimettiet ruhha. Il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 20 ta' Novembru 2002 li permezz taghha rrinunzjat ghas-sitt talba attrici tac-citazzjoni;

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet kopja tac-cedola ta' depozitu b'referenza ghas-sitt talba attrici;

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet prospett ulterjuri u diversi dokumenti in sostenn ta' l-ammont pretiz;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn Dr Bezzina cediet il-hames talba *stante* transazzjoni u pprezentat nota f'dan is-sens ta' l-istess data. Il-Qorti nnominat lil Dr Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi;

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta' Frar 2003 u tal-5 ta' Marzu 2003;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda minnha migbura;

Rat l-affidavit ta' Stephen Vella a fol. 178 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Gunju 2003; tal-11 ta' Novembru 2003 fejn id-difensuri talbu li jaghmlu nota t'osservazzjonijiet; il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Ottubru 2004; tal-5 ta' Ottubru 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Novembru 2004;

Rat li l-ebda wahda mill-partijiet ma pprezentaw l-ebda nota ta' osservazzjonijiet;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**II.KONSIDERAZZJONIJIET.**

**(a) Il-Vertenza Odjerna.**

Illi l-kontendenti kienu waslu ghal separazzjoni bonarja. L-attrici permezz tal-kawza odjerna ghamlet sitt talbiet li matul il-kors tal-kawza rrinunzjat ghal tnejn minnhom cjoe` il-hames u s-sitt talba. Illi dawn it-talbiet li fadal u l-eccezzjonijiet relattivi se jigu trattati kollha. *Inoltre* l-konvenut minn naha tieghu pprezenta wkoll kontro-talba.

**L-Ewwel Tlett Talbiet Attrici.**

Illi l-attrici ppremettiet li l-konvenut fil-kuntratt tas-separazzjoni ntrabat li jhallas manteniment lilha u lil uliedhom minuri skond klawsola tnejn sub-inciz (2) (vi) ta' l-imsemmi kuntratt. Hija qed issostni li l-konvenut mhux qed ihallas kif miftiehem u ghamel anke zmien ma tahom xejn, u meta tahom l-arretrati kienet tikkonsisti f'somma anqas milli dik dovuta. Ghalhekk fl-ewwel lok qed titlob dikjarazzjoni li zewgha mhux qed jonora l-obbligu tieghu skond il-kuntratt.

Illi minn naha tieghu, l-konvenut eccepixxa li l-ewwel talba hija purament dikjaratorja u vessatorja minhabba li l-obbligu tieghu jirrizulta minn att pubbliku u kwindi m'hemmx htiega ta' l-ottjeniment ta' dikjarazzjoni tal-Qorti f'dan is-sens.

Illi din il-Qorti ma tistax taccetta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, *stante* li jidher car li tali dikjarazzjoni tista' titqies li hija necessarja ghat-talbiet ohra fl-istess citazzjoni, senjatament it-tieni talba attrici; *purche* ma hemm xejn

x'jimpedixxi li l-istess attrici titlob dikjarazzjoni f'dan is-sens, iktar u iktar meta kontra dak li jinghad mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu, huwa ntavola kawza sabiex l-istess manteniment minnu pattwit u accettat skond il-kuntratt premess jigi mnaqqas, u dan wara li jirrizulta mill-atti tac-citazzjoni, li skond l-attrici l-konvenut naqqas dan il-hlas ta' manteniment arbitrarjament, u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi fit-tieni talba taghha l-attrici qed titlob l-arretrati ta' manteniment dovuti minn April 1999, *stante* li ghalkemm il-konvenut effettwa pagament ghall-perjodu ta' erbatax-il gimgha b'rata ta' hmistax il-lira Maltin (Lm 15) fil-gimgha, tali pagament mhux komplet u kif kien gie miftiehem fil-kuntratt. *Inoltre* minn dakinhar ma sar l-ebda pagament.

Illi l-konvenut eccepixxa li din it-talba hija wkoll vessatorja ghax l-obbligu tal-hlas ta' mnateniment huwa kostitwit f'att pubbliku ta' separazzjoni illi jista' jigi rez ezekuttiv bl-espedjent facli ta' ittra gudizzjarja b'mod illi l-ispejjez gudizzjarji ta' tali talba huma, skond id-duttrina w gurisprudenza, a karigu ta' l-istess attrici.
Illi l-attrici xehdet li hija qed tippretendi s-somma ta' elfejn u sitt mitt lira Maltija (Lm 2,600) bhala arretrati *stante* li l-konvenut naqas li jhallas lill-attrici manteniment ghall-istess minuri mit-12 ta' April 1999 sal-21 ta' Gunju 2000. Hija spjegat li fil-kuntratt ta' separazzjoni ftehmu li l-manteniment kellu jkun ta' erbghin lira Maltija (Lm 40) fil-gimgha. Fil-bidu dan kien jithallas imma fit-12 ta' April 1999 zewgha qalilha li kien ser inaqqas il-manteniment u kien se jibda jtiha tletin lira Maltija (Lm 30) fil-gimgha izda hi m'accettatx. B'hekk waqaf milli jaghtiha u ghamlet sena ma tiehu xejn. Huwa fetah kawza biex inaqqas l-ammont ta' manteniment u fil-21 ta' Gunju 2000 il-Qorti ordnat li kellu jibda jhallas hmistax-il lira Maltija (Lm15) fil-gimgha. Allura hi qed titlob taz-zmien li ma rceviet xejn.

Illi in kontro-ezami hija ammettiet li f'Lulju 1999 rceviet is-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) minghand zewgha u b'hekk qed taqbel li dawn ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut.

Illi l-allegazzjoni ta’ l-attrici giet ippruvata ghax jirrizulta li l-konvenut matul iz-zmien li semmiet l-attrici verament ma kienx qed jaghtiha manteniment. Dan ghax iddecieda minn jeddu li jnaqqas l-ammont ta’ manteniment. Fil-bidu l-attrici m’accettatx ghax dehrilha li zewgha kellu jaghtiha l-ammont kollu kif miftiehem. Hija ghamlet kwazi wara sena ma tircievi xejn sakemm kien hemm digriet fil-21 ta’ Gunju 2000. L-attrici qed tippretendi l-ammont ta’ elfejn u sitt mitt lira Maltija (Lm 2,600). Hija xehdet li rceviet mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm 210) diga’ minnhom u ghalhekk dawn iridu jitnaqqsu. Ghalhekk hemm dovut l-ammont ta’ elfejn, tlett mija u disghin lira Maltija (Lm2,390) bhala arretrati ta’ manteniment. Dan l-obbligu tieghu huwa naxxenti mill-kuntratt ta’ separazzjoni bonarja li l-partijiet iffirmaw – il-konvenut obbliga ruhu li jhallas manteniment ta’ erbghin lira Maltija (Lm 40) fil-gimgha ghal martu w uliedu. Jirrizulta li l-konvenut ma kellu l-ebda jedd li jnaqqas l-ammont ghax huwa kien ghadu u fil-fatt huwa obbligat li jhallas l-ammont kif miftiehem.

Illi sussegwentement il-konvenut ipprezenta citazzjoni Nru 1277/99RCP fejn talab il-varjazzjoni tal-kuntratt minhabba tibdil fis-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. It-talba tieghu giet michuda permezz tas-sentenza moghtija fit-28 ta’ Novembru 2002.

Illi ghalhekk din it-talba attrici ghandha tigi milqugha b’dan li li l-ammont ta’ arretrati dovuti mill-konvenut ghall-perjodu bejn it-12 ta’ April 1999 sal-21 ta’ Gunju 2000 huwa ta’ elfejn, tlett mija u disghin lira Maltija (Lm2,390).

Illi ghar-rigward it-tielet talba attrici din il-Qorti tinnota li fir-rigward  ta’ pattijiet f’kuntratt ta’ separazzjoni u talbiet ghal tibdil fl-istess partikolarment ghal dak li jirrigwarda manteniment fil-kawza fl-ismijiet **“Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et”** deciza min din il-Qorti, kif preseduta fl-4 ta’ Lulju, 2002 inghad illi:-

“*Illi dan il-kuntratt sar a bazi ta’ l-artikolu 59 tal-Kap 16, u din ghandha l-effetti taghha kif provduti fl-artikolu 35 tal-Kodici Civili, u bhala tali twaqqaf kull pendenza gudizzjarja dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konjugi,*

*b'dan li l-istess seperazzjoni hija regolata biss bl-istess kuntratt, hlief ghal dak provdut fl-artikolu 61 tal-Kap 16, fl-interess ta' l-istess minuri, fejn din il-Qorti tista' thassar kull ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess ulied, dejjem fl-interess ta' l-istess minuri.*

*Illi allura ssegwi li ghal kull provediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi taht id-dispozizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b'mod iehor b'xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta' natura civili u kummercjali.*

*Illi dan ifisser b'relazzjoni ghall-pendenza odjerna, li kull talba ghall-varjazzjoni ta' manteniment, jew anke ghall-konferma ta' l-istess manteniment, li dwaru hemm dispozizzjonijiet ad hoc bejn il-partijiet fl-istess kuntratt iffirmat bejniethom, ghandu u jista' jsir biss lil din il-Qorti, u l-ebda Qorti ohra, anke ghaliex il-kompetenza tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hija strettament dik ta' Qorti volontarja u mhux kontenzjuza, hlief ghal dawk il-provvedimenti legali u ristretti, dwar manteniment, u konsiderazzjoni ohra biss konnessi ma' l-awtorizzazzjoni sabiex il-konjugi jipprocedu ghal separazzjoni personali quddiem din il-Qorti, u ghall-manteniment, kustodja u pendenzi dwar id-dar konjugali, pendente lite."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Galea vs Galea"** deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-26 ta' Frar, 1956, li kienet titratta ghal talba ghall-awment ta' manteniment minn dak pattwit intqal illi "*l-promotur ta' l-alimenti stabbiliti bis-sahha ta' transazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunijiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghal impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, ghalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti*".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem"** deciza mill-Onorabbli

Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru, 1994 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*"… l-artiklu 992 sub-artiklu (2) tal-Kodici Civili jghid hekk:*

*"Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi"*

*u dan wara li s-subartiklu (1) jghidilna li:*

*"Il-kuntratti maghmulin skond il-ligi, ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".*

Illi ta' rilevanza wkoll jista' jkun l-**artikolu 21 sub-artiklu (1)** kif emendat bl-**Att XXI ta' l-1993** li jitkellem dwar l-obbligu ta' manteniment in generali u mhux dak bejn il-konjugi u dan illum jipprovdi li:-

*"Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu, jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment skond ma jkun il-kaz."*

Illi dwar l-**artikolu 21** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha datata 15 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet **"Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe"** qalet illi:-

*"Din id-dispozizzjoni ma tiddistingwix bejn l-ghoti "volontarju", "ope sententiae" jew "ex contractum" tal-manteniment".*

Illi dwar il-portata ta' dan l-artikolu dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Li ma huwiex daqstant car pero` hu jekk dan l-artikolu japplikax biex jirregola wkoll l-obbligu tal-manteniment bejn il-konjugi. Dan ghaliex l-**artikolu 21** jinsab fis-sub-titolu (2) ta' l-Ewwel Titolu tal-Kodici Civili li jirregola expressis il-jeddijiet u d-dmirijiet bejn axxendenti,*

*dixxendenti u ahwa. Hu subtitolu li fil-fatt jirregola fid-dettal ir-relazzjonijiet bejn dawn il-persuni u fl-ebda mument u fl-ebda disposizzjoni tieghu ma jidher li qieghed b'xi mod jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konjugi".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Ruth Sultana proprio et nomine vs Emanuel Sultana"** (P.A. (RCP) 26 ta' Frar 2004) illi forsi huwa aktar relevanti huwa l-artiklu 32 ta' l-Att XXI fuq imsemmi li emenda l-**artiklu 54 tal-Kodici Civili li fis-sub-artiklu 7,** kif emendat, jipprovdi:-

*"Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz".*

Illi din il-Qorti tinnota li f'dan l-ahhar artikolu imsemmi ma jinghad xejn dwar jekk l-istess dispozizzjoni tirreferix ghall-manteniment stabblit b'kuntratt jew b'sentenza, pero' hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li la darba l-istess sub-artikolu huwa parti mill-**artikolu 54** li fl-ewwel subartikolu tieghu qed jitkellem dwar *"l-parti li kontra taghha tinqata' l-firda…"* dan qed jirreferi biss ghall meta l-istess manteniment jigi stabbilit b'ordni jew sentenza tal-Qorti u mhux fil-kaz ta' separazzjoni konsenswali. Fil-fatt fl-istess titolu tal-Kodici s-separazzjoni konsenswali hija biss trattata fl-**artikolu 59** *et sequitur***.**

Illi fil-fatt fl-ambitu biss ta' manteniment ordnat mill-Qorti s-sentenza **"Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra pro et noe"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001, u dik ta' **"Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe"** fuq imsemmija qalet illi:-

*"It-test allura hawn, iktar milli tibdel fic-cirkostanzi b'mod generali jirrikjedi studju komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom".*

Inghad ukoll f'din is-sentenza ta' **"Zahra vs Zahra"** (sup. ct.) illi:

*"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod ma' l-impjieg jew ma' l-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut" "Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja" (P.A. (F.D) Cit Nru 154/4)."*

Illli *invece* fil-kuntest ta' manteniment pattwit, u dan wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti skond kif provdut fil-ligi taghna, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **"Vella vs Vella"** tal-11 ta' Jannar, 1996 irriteniet li:-

"*Huwa minnu li "ad impossibilia nemo tenetur". Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-"impossibilita'" fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni ta' l-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment "ex lege", jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak "ex contractu", in kwantu tezisti l-possibilita' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) ta' l-Att XXI ta' l-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi Pacta Sunt Servanda. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit ex contractu, il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissospendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li_tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi. Kien ghal din ir- raguni u f'dan il-kontest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet: **"Victoria Camilleri vs Mohammed Farag Abdul Kareem"**, deciza fit-2 ta' Novembru, 1994, htigielha taghmel ir-rikjam ghall-principju generali li wkoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli*".

Illi din il-Qorti taqbel ma’ dan l-apprezzament hawn citat biss in linja generali, ghaliex l-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 21 tal-Kap 16** f’kuntest ta’ ftehim ghal separazzjoni, hija fl-umili opinjoni ta’ din il-Qorti, wahda dubjuza. Pero’ din tigi trattata f’kazijiet ohra u forsi f’fora ohra.
Illi fid-dawl tal-premess fit-tielet talba taghha l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiffissa dik ir-retta alimentari xierqa u adegwati ghaliha u ghat-tfal.

Illi l-konvenut eccepixxa illi din it-talba hija nsostenibbli kemm ghax dak gja miftiehem permezz ta’ kuntratt ma jistax jigi mibdul permezz ta’ att gudizzjarju kif ukoll billi r-retta alimentarja gja giet iffissata fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni u ma tinhtiegx illi tigi likwidata mill-gdid mill-Qorti hlief f’kaz illi l-mezzi ta’ l-esponent jigi sostanzjalment ridotti kif allegatament hu l-kaz tieghu u rrefera ghall-kawza Nru 1277/99/RCP li dak iz-zmien tal-prezentata ta’ l-eccezzjonijiet kienet pendenti.

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad fis-sentenza **“Louis Cutajar vs Josette Farrugia gia’ Cutajar”** (Cit. Nru: 1438/95/RCP – 29 ta’ April 2004). Ssir riferenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **“Ruth Sultana *proprio et. nomine* vs Emanuel Sultana”** (P.A. (SF) (RCP) 26 ta’ Frar 2004) fejn din il-Qorti wara li ezaminat id-dispozizzjonijet ta’ l-**artikolu 54 tal-Kap 16** waslet ghall-konkluzzjoni li tali artikolu ma japplikax ghal talbiet ghall-varjazzjoni ta’ manteniment stabbilit b’kuntratt bejn il-partijiet u l-principju li japplika ghall-istess talbiet huwa li l-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u ghandu jigi rispettat bhal kull kuntratt iehor bejn il-kontraenti.
*Inoltre* fis-sentenza fl-ismijiet **“Alfred Grech vs Pauline Grech pro et noe”** (App.Nru: 2479/1996/1 – 16 ta’ April 2004) deciz mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell gie riaffermat li:-

*“Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta’ varjazzjoni. Imma l-appellant imissu jaf ukoll li fejn si tratta ta’ ftehim per via ta’ kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-*

*principju ta’ pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b’talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta’ retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita’ li fl-interess ta’ l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta’ natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta’ ta’ l-attur li gabuh fl-impossibilita’ li jhallas r-retta alimentari, allura f’kazi simili jista’ jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti “ope legis” minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta’ ftehim ta’ separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn.”*

Illi *inoltre* f’”**Noel Scerri vs Anna Scerri”** (Cit. Nru:2667/1998 – P.A. (RCP) - 29 ta’ April 2004), il-Qorti kkummentat hekk :

*“Illi l-Qorti tosserva il-kuntratt bejn il-partijiet huwa ligi ghall-istess, u l-unika cirkostanza fil-ligi fejn l-istess jista’ jigi varjat, u dan qed jinghad biss bhala linja generali, huwa meta jkun hemm l-interess tal-minuri taz-zwieg fin-nofs, fejn il-Qorti ghandha l-poter li tiehu kull provvediment anke’ kontra dak li qablu dwaru l-partijiet biss fl-interess suprem tal-minuri. Ovvjament dan mhux il-kaz odjern, u ghal dawn il-principji l-Qorti tirreferi ghal dak li gja’ gie tenut minnha f’diversi sentenzi fosthom **“Mario Galea vs Maria Concetta Galea pro et noe”** (Cit. Nru: 1168/99RCP – deciza fit-2 t’Ottubru 2003) u **“Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi”** (Cit. Nru: 412/00RCP – deciza fid-29 ta’ Mejju 2003).”*

Illi skond il-kuntratt tas-separazzjoni l-konvenut fi klawsola tnejn sub-inciz sitta (2) (vi) obbliga ruhu li jhallas manteniment ta’ erbghin lira Maltija (Lm 40) fil-gimgha.

Dan il-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u l-istess dispozizzjonijiet ghandhom jirregolaw r-relazzjoni tal-partijiet dwar l-istess anke fil-kuntest ta' manteniment ghall-minuri.

Illi fl-istess kuntratt hemm biss li l-istess rata ta' manteniment kellha titnaqqas bil-mod stabbilit fil-paragrafu (vi) (d), toghla fil-kaz ta' dak stipulat fil-paragrafu (vi) (e) u tigi ridotta kif indikat fil-paragrafu (vi) (f). Illi proprju is-sentenza ta' bejn il-partijiet datata 28 ta' Novembru 2002 dahlet f'dan l-ahhar paragrafu u sabet li ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex tali rata ta' manteniment kellha tonqos.

Illi jinghad li l-istess partijiet fil-paragrafu (vi) (g) ta' l-istess kuntratt stipulaw illi:

*"Saving in the manner and to the extent set out in this clause, the maintenance payable by Stephen Vella shall not be subject to any further revision, reduction or increase."*

Illi *in vista* tal-fatt li fit-tielet talba taghha l-attrici qed titlob ukoll manteniment ghaliha din il-Qorti tirreferi ghall dak li hemm indikat fil-paragrafu 3 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni fejn jinghad:-

*"The parties spouses Vella hereby agree and accept that they have definitively forfeited their right to claim and receive maintenance from each other, and that they possess no further reciprocal claims in this regard".*

Illi jidher li l-istess attrici njorat dan l-artikolu sabiex talbet manteniment ghaliha, u ghar-rigward ghall-manteniment ghall-minuri jinghad li apparti dak li hemm provdut fl-artikolu 2 u l-paragrafi fuq citati, fi kwalsola 9 ta' l-istess kuntratt jinghad li *"the parties agree that the terms and conditions of this deed shall not be varied in the event that their marriage is dissolved or declared null by any Maltese or foreign court or tribunal, or in the event that the rights and duties between spouses, including separated spouses, are varied by subsequent legistlation".*

Illi allura fir-rigward tat-tielet talba attrici jinghad li l-manteniment huwa ffisat fl-istess kuntratt pattwit bejn il-partijiet u allura ma hemm l-ebda retta alimentarja x'tigi ffissata ghax din tirrizulta mill-kuntratt tas-separazzjoni nnifsu.

**Ir-Raba' Talba.**

Illi l-attrici fir-raba' talba taghha qed titlob il-kundanna tal-konvenut sabiex jikkontribwixxi ghall-ispejjez relattivi ghall-edukazzjoni tat-tfal minuri. Il-konvenut eccepixxa li hu jopponi tali talba *in vista* tal-kambjament serju tac-cirkostanzi finanzjarji tieghu.

Illi klawsola numru tnejn sub-klawsola 2 (g) (ix) tal-kuntratt ta' separazzjoni tipprovdi hekk:-

*"With regard to the education and medical expenses incurred in connection with the said minor children, the parties agree that extraordinary expenses shall be paid by the appearer Stephen Vella, whilst ordinary expenses shall be paid by the party incurring same."*

Illi fl-affidavit taghha l-attrici sostniet li hija hallset l-ammont ta' elfejn tmien mija hamsa u disghin lira Maltin (Lm 2,895) bhala spejjez relatati ma' l-edukazzjoni tat-tfal. Sussegwentement ipprezentat prospett b'diversi dokumenti in sostenn ta' l-ammont pretiz li gie ridott ghas-somma ta' elf lira erba' mija u sbatax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm 1,417.85). Hija kkonfermat dan l-ammont kif ridott fil-kontro-ezami taghha. Mir-ricevuti esebiti jirrizulta li dan l-ammont jirrigwarda spejjez relatati ma' l-edukazzjoni tat-tfal li fil-maggior parti taghhom huma spejjez straordinarji bhal *donations* ghall-iskejjel, kotba, trasport ghat-tfal ghall-iskejjel, *registration fees* u uniformijiet.

Illi *stante* li l-konvenut assuma l-oneru li jhallas l-ispejjez straordinarji relatati ma' l-edukazzjoni tat-tfal u l-attrici pprezentat il-prospett bir-ricevuti, allura dan l-ammont ta' elf, mija u erba` mija u sbatax-il lira Maltija u hamsa u

tmenin centezmu (Lm 1,417.85) ghandu jithallas mill-konvenut u l-eccezzjonijiet tal-konvenut f'dan is-sens huma infondati fil-fat u fid-dritt.

**<u>Il-Hames u s-Sitt Talbiet Attrici.</u>**

Illi l-attrici cediet il-hames talba taghha permezz ta' nota pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2002. Hija cediet ukoll is-sitt talba attrici permezz ta' nota datata 20 ta' Novembru 2002 *stante* hlas fil-mori tal-kawza.

**<u>Kontro-Talba tal-Konvenut.</u>**

Illi l-konvenut ipprezenta din il-kontro-talba sabiex tiddikjara li kwalsiasi somma dovuta lil Joseph Falzon skond sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll rizultat tal-kambjali li ghadhom dovuti relatati mal-vettura Suzuki Vitara ghandhom jigu ssopportati unikament mill-attrici peress li a bazi ta' l-artikolu 11 (vii) (b) tal-kuntratt tas-separazzjoni kemm il-karozza kif ukoll id-dejn fuq l-istess karozza gew mghoddija lilha. Hija naqset milli thallas diversi kambjali u ghalhekk Joseph Falzon ipproceda kontra l-partijiet *in solidum* liema kawzi nqatghu kontrihom. Ghalhekk il-konvenut gie ordnat li jhallas tali somom u nkorra spejjez gudizzjarji. Huwa talab li l-ammonti dovuti jinqatghu mis-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) li huwa kellu jhallasha. *Inoltre* talab li jigi rifuz lilu l-ispejjez gudizzjarji li nkorra u jigu likwidati l-hlasijiet dovuti a bazi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-hlasijiet dovuti abbazi tal-kambjali li ghadhom ma thallsux u jigi ordnat li jitnaqqsu mill-ghaxart elef lira Maltija (Lm 10,000) dovuti skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi l-attrici rikonvenuta, fost eccezzjonijiet ohra, topponi tali talbiet ghax sostniet li ghalkemm huwa minnu li hi kienet assenjata l-vettura zewgha naqas li jersaq ghat-trasferiment tal-vettura f'isimha. Infatti hija ghamlet il-hames talba f'dan is-sens fic-citazzjoni sabiex il-konvenut jersaq ghat-trasferiment ta' l-imsemmija vettura. Fil-mori tal-kawza din it-talba giet ceduta permezz ta' nota *stante* transazzjoni.

Illi m'hemm l-ebda dubju ghax dan jirrizulta mill-kuntratt nnifsu li d-dejn fuq l-imsemmija vettura assumietu l-attrici rikonvenuta. Hija xehdet li kienet bdiet thallas l-istess kambjali izda meta rat li zewgha ma riedx jiffirmalha biex isir it-*transfer* iddecidiet li tieqaf thallas. Hija allegat ghal xi konfoffa li seta' kien hemm bejn zewgha u d-*dealer* minghand min kienet inxtrat.  Infatti rrizulta wkoll mill-kontro-ezami taghha, li Joseph Falzon kellu mpediment fuq il-karozza biex ma jsirx *transfer* u minghajr il-*go ahead* tieghu ma seta' jsir xejn.  Pero' hija xehdet ukoll u dan anke ghax tkellmet ma' l-istess Joseph Falzon, li kieku zewgha kien jiffirma Falzon kien lest li jiffirma wkoll ghax hija kienet tibqa' thallas il-karozza u kienet issir taghha.

Illi l-konvenut spjega li kien Joseph Falzon li oggezzjona li jsir it-*transfer* u martu kienet taf b'dan qabel ma gie ffirmat il-kuntratt.  Hija ghamlet xi zmien thallas imbaghad waqfet u ghalhekk spiccaw b'kawzi kontrihom. Il-konvenut pero' naqas li jtella' lill-istess Joseph Falzon sabiex jissostanzja dak li xehed fl-affidavit tieghu.  Bla ebda dubju, ghalkemm fil-kuntratt ta' separazzjoni ma giex imnizzel li kellu jsir it-*transfer* tal-vettura ghal fuq isem l-attrici rikonvenzjonata, dan kien sotto-intiz ladarba kemm il-vettura kif ukoll id-dejn dovut gie trasferit lilha.
Illi provi li l-konvenut hallas xi debitu li kien dovut li jithallas mill-attrici ma gewx prodotti u allura certament li fid-dawl anke ta' dan, it-talbiet tal-konvenut ma jistghux jigu milqugha.  Illi dan apparti li ma huwiex car meta sar, jekk sar dan it-*transfer* tal-vettura ghall fuq l-attrici mill-konvenut.

Illi fi kwalunkwe kaz din il-Qorti trid toqghod fit-termini tat-talbiet maghmula fil-kontro-talba tal-konvenut, u f'dan is-sens il-konvenut qed jitlob li d-decizjonijiet imsemmija fejn l-partjiet gew ikkundannati mid-dehra *in solidum* sabiex ihallsu l-ammonti ndikati fis-sentenzi premessi jigi unikament soppartati mill-attrici biss.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li l-konvenut qed jitlob lill-Qorti hija li jigu varjati s-sentenzi ta' Qorti ohra fir-rigward tieghu, u ovvjament dan ma huwiex legalment u

guridkament possibbli u ghalhekk din it-talba qed tigi michuda, u dan salv kull dritt ta’ rivalsa li l-istess konvenut jista’ jkollu jekk jigi kostrett li jhallas xi debitu li skond huwa kellhu jithallas mill-attrici skond il-kuntratt ta’ separazzjoni.

Illi t-tieni talba fil-kontro-talba ta’ Stephen Vella qed tintalab dikjarazzjoni li l-ispejjez gudizzjarji ta’ l-istess kawzi u decizjonijiet fuq indikati moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ghandhom jithallsu lill-konvenut mill-attrici. Fl-affidavit tieghu Stephen Vella qed jippretendi mija u tmenin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm 180.53) bhala spejjez gudizzjarji (*Vide* fol.180 tal-process). Illi huwa ovvju li dak li qed jinghad dwar l-ewwel talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu japplika wkoll ghat-tieni talba tieghu u din ukoll ghandha tigi michuda.

Illi fir-rigward tat-tielet talba din thoss li *stante* li d-decizjonijiet moghtija nghataw mill-Qorti tal-Magistrati din il-Qorti hija inkompetenti li tiddeciedi dwar l-istess u dan apparti li l-ammont li jidher li l-konvenut qed jirrikjama huwa dak ta’ hames mija tlieta u sebghin lira Maltin (Lm 573) bhala hlasijiet dovuti abbazi tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, u ghalhekk tali ammont ma huwiex fil-kompetenza ta’ din il-Qorti *“ratione valoris”.* Illi dwar il-kumplament tat-talba jirrizulta, li fil-mori, t-talba attrici fuq l-istess ammont ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm 10,000) giet rtirata minnha u l-konvenut stess ipprezenta cedola ta’ depozitu fejn iddepozita l-istess somma bl-ispejjez hemm indikati sabiex l-istess *“jigu liberalment zbankati wara li thalli debita ricevuta”* u ghalhekk certament li f’dan il-kuntest it-tpacija indikata mill-konvenut ma tistax isehh.

Illi rigward hlasijiet ohra msemmija fl-affidavit mill-attur, dawn ma gewx mitluba minnu fil-kontro-talba tieghu u ghalhekk din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi dwar hlasijiet ghall-kambjali li ghadhom ma thallsux dawn huma effettivament dovuti lill-terza persuna, li certament ma hijiex involuta f’din il-kawza, u certament li allura din it-talba ma tistax tigi milqugha.

Illi dwar l-ispejjez gudizzjarji li allegatament gew inkorsi nutilment mill-konvenut, din il-Qorti thoss li a bazi ta’ dak li gie premess u deciz f’din il-kawza din it-talba hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u filwaqt **li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u sitt talba attrici *stante* li dawn gew irtirati mill-attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut mhux qed jonora u jimxi hekk kif obbliga ruhu li jaghmel skond il-kuntratt ta’ separazzjoni li sar ma’ l-attrici in atti tan-Nutar Marco Burlo` datat 23 ta’ April 1998, fejn il-konvenut obbliga ruhu li jhallas manteniment ta’ erbghin lira Maltin (Lm 40) fil-gimgha lill-attrici bhala manteniment ghat-tfal ulied minuri tal-partijiet, liema manteniment kellu jigi rivedut fl-1 ta’ Marzu 1999, u hekk kull sena sussegwenti, u dan kif huwa stipulat fi klawsoli tnejn sub-inciz sitta (2) (vi) ta’ l-istess att;

(2) Tilqa’ t-tieni talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu s-somma ta’ elfejn tlett mija u disghin lira Maltin (Lm 2,390) bhala arretrati ta’ manteniment ghat-tfal minuri, Dylan u Erica Dacoda, dovuti minn bejn it-12 ta’ April 1999 sal-21 ta’ Gunju 2000.

(3) Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li l-ammont ta’ manteniment dovut lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri gie ffissat bi ftehim bejn il-partijiet kif indikat fi kwalsola (2) (d) (vi) u (e) tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat 23 ta’ April 1998 fl-atti tan-Nutar Marco’ Burlo u tali manteniment hekk iffissat huwa veljanti bejn il-partijiet. Dwar it-talba ghall-manteniment ta’ l-attrici din il-Qorti tirreferi ghall-artikolu (3) ta’ l-istess kuntratt fejn l-attrici *inter alia* ddikjarat li tilfet kull dritt ta’ manteniment kontra l-konvenut.

(4) Tilqa’ r-raba’ talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ispejjez relattivi ghall-edukazzjoni ta’ l-imsemmija tfal minuri fl-ammont ta’ elf u erba’ mija u sbatax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm 1,417.85) u dan kif stipulat fi klawsola tnejn (2) (ix) ta’ l-imsemmi att.

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-konvenut.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba** filwaqt li **tichad l-eccezzjonijet ta’ l-attrici rikonvenzjonata** tiddeciedi billi **tichad it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jibqghu a karigu esklussiv tal-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------